A.L. 218 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 168 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) ta' l-ordinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-programm ta' l-istudji ghall-Grad għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 kredtu, li jinkludu:

(a) taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 110 kredti li jkopru l-programm ta' studji obbligatorju għal-Liġi bħala qasam ta' studju Ewlieni bl-Unuri;

(b) taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 35 kredtu f'qasam ta' studju approvat mill-Bord;

(ċ) taqsimiet studju fakultattivi li għalihom hemm assenjati 6 kredti; u

(d) il-bqija tat-taqsimiet studju jistgħu jittieħdu jew fil-Liġi bħala qasam ta' studju Ewlieni jew fit-tieni qasam ta' studju magħżul jew fit-tnejn."